# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Nru 1797**

Kaz nru 1605

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Vince Galdes

u

Alphonse Farrugia & Sons Ltd.

Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Illum : 24 ta' Lulju, 2007

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 10 ta' Jannar 2002, Riferenza : MSP/TI/4/2002 biex tigi processata skond il-provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Sur Vince Galdes li minn issa jidher bhala l-Appellant kien assistit minn Dr Mark Busuttil. Ghall –Kumpanija Alphonse Farrugia and Sons Limited deher is-Sur Ruben Farrugia assistit minn Dr Anthony Cutajar.

Fl-istqarrija tal-Kaz l-appellant jghid, li qabel ma l-impieg tieghu gie tterminat kien ilu jahdem mas-socjeta ghal madwar sentjen bhala deliveryman fejn kien jiehu hsieb il-konsenja tax-xorb il-Belt. Huwa jkompli jghid, li kemm dam jahdem qatt ma kellu twissijiet la bil-fomm u lanqas bil-miktub u dejjem qeda dmiru skond il-hila tieghu.

Fl-istqarrija tal-kaz huwa jkompli jghid, li l-imghallem taghhom beda jwahhal fih meta naqas ix-xoghol tax-xorb li kien jqassam fil-hwienet tal-Belt, izda minkejja li saru dawn l-akkuzi qatt ma ngabu provi li huwa seraq xi xorb. L-appellant jghid ukoll, li meta staqsa ghall-provi ta' l-akkuzi li kienu qed isiru fil-konfront tieghu, minflok li ngabu l-provi gie tterminat l-impjieg tieghu.

Is-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li l-appellant kien tkecca ghal raguni valida u sufficjenti fil-ligi peress li diversi drabi rraporta li kienet insterqitlu merkanzija li huwa bhala impjegat tas-socjeta intimata kien fl-obbligu li jiehu hsieb u jwassal ghand klijenti tas-socjeta Simonds Farsons Cisk plc (li taghha is-socjeta intimata sservi bhala distributur) liema merkanzija fil-fatt ma kienitx tinsteraqlu. Is-socjeta tkompli tghid, li oltre dan matul l-impjieg tieghu huwa babas invoice mahruga mis-socjeta Simonds Farsons Cisk plc sabiex jaghmel qliegh personali minn fuq dahar u skapitu ta' klijenti tal-istess Simonds Farsons Cisk plc.

Matul is-seduti it-Tribunal Industrijali ezamina x-xhieda u d-dokumenti esebiti. Mill-provi jirrizulta, li l-appellant kien gie mpjegat ma Alphonse Farrugia and Sons Ltd. fis-26 ta' Lulju 1998, bhala Deliveryman u l-impjieg tieghu gie tterminat fit-13 ta' Lulju 2001.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li x-xoghol li kien iwettaq l-appellant kien dak li jiehu l-merkanzija tax-xorb fil-hwienet tal-Belt, liema xoghol kien jittiehed kmieni fil-ghodu u jithalla wara l-bibien tal-hwienet li kienu jkunu ghadhom maghluqa biex wara jingabru mill-istess sidien meta jifthu l-hwienet taghhom. Ghaldaqstant, mill-provi jirrizulta wkoll, li dan ix-xoghol ta' merkanzija ma kienitx tigi kkunsinjata direttament lis-sidien tal-hwienet li ma kienux ikunu hemm ghax l-istabilimenti taghhom kienu jkunu ghadhom maghluqa. Din kienet is-sistema tax-xoghol li kienet approvata mill-management tal-Kumpanija.

Mill-provi jirrizluta wkoll, li diversi sidien tal-hwienet kienu jikkomplejnaw li kienu jsibu merkanzija nieqsa, pero minkejja dan xorta wahda baqghet tigi wzata is-sistema li l-merkanzija ma kienitx tigi kunsinjata direttament lis-sidien tal-hwienet.

Mill-provi li ezamina it-Tribunal Industrijali jikkonkludi, li n-nuqqas ta' merkanzija ma kienitx dovuta ghan-nuqqas ta' l-appellant u dan ghall-diversi ragunijet fosthom; li l-merkanzija tax-xorb kienet tithalla esposta ghall-pubbliku li setgha jabbuza minnha. Ghaldaqstant, peress li s-sistema kif kienet mhux possibli li l-akkuzi kontra l-appellant jigu pprovati. Infatti, quddiem it-Tribunal Industrijali gie kkonfermat ukoll li anke meta gie mkecci l-appellant, xorta wahda baqa jigi rrapurtat li kien ghadu qed isir serq mill-merkanzija fil-Belt.

It-Tribunal Industrijali ezamina wkoll l-akkuza li saru fil-konfront ta' l-appellant li kien baghabas invoice biex jghamel qliegh ghalih, izda mill-provi ma jirrizultax li l-appellant kien wettaq din l-akkuza.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u sema u evalwa ix-xhieda prodotti, ikkunsdira is-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijiet addizzjonali jsib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq isib, li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant ma kienitx tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jordna lill-Alphonse Farrugia & Sons Ltd.,li ghandha thallas is-somma ta' LM550 (hames mija u hamsin lira maltija) – 1281 Euro (elf mitejn u wiehd u tmenin Euro) bhala kumpenss lill appellant fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu, it-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fl-ammonti ta' LM 40 (erbghin lira Maltija) – 93 Euro ( tlieta u disghin Euro) lill kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol

Harold Walls
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju